GĦAXAQ

Minuti tal-Laqgħa Nru.1 tal-Kunsill Lokali Għaxaq li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar it-Tnejn, 6 ta' Lulju 2009, fil-5:30 p.m.

**Preżenti :-**

Il-Kunsillieri

Is-Sur Emanuel Vassallo
Is-Sur Joe M. Abdilla
Is-Sinjura Rose Agius
Is-Sur Anġelo Attard
Is-Sur Alan Picco

**Uffiċċjal :-**

Is-Segretarju Eżekuttiv — Is-Sinjura Therese Xuereb

## Aġenda

---

1. Ħatra ta' Chairperson
2. Ħatra ta' Sindku
3. Ħatra ta' Viċi Sindku
4. Aġġornament.

---

## 1. Tmexxija tal-Laqgħa

1.1 Wara li s-Segretarju Eżekuttiv qalet talba bħala ftuħ tal-Ewwel Seduta tas-Sitt Kunsill Lokali, hija nformat lill-Kunsillieri li wara l-elezzjonijiet lokali li saru fis-6 ta' Gunju 2009, u l-għoti tal-ġurament tal-ħatra li sar fit-30 ta' Gunju 2009 li għadda, l-ewwel xogħol tal-Kunsill il-ġdid huwa l-ħatra tas-Sindku u l-Viċi Sindku.
Dawn il-ħatriet isiru billi l-laqgħa tkun preseduta mill-Kunsillier Anzjan skond il-provedimenti ta' l-Att XXI ta' l-1993 dwar il-Kunsill Lokali.

1.2 Is-Segretarju għalhekk qalet li billi jirriżulta li s-Sinjura Agius hi l-aktar kunsillier anzjana, hija stednitha tmexxi l-laqgħa.

*Is-Sinjura Agius ħadet postha biex tmexxi il-laqgħa.*

## 2. Ħatra ta' Sindku

Is-Sinjura Agius staqsiet lill-Kunsillier Vassallo, bħala l-persuna li ġabet l-akbar għadd ta' voti fost il-grupp li hu kien jappartieni, jekk jaċċettax il-ħatra ta' Sindku.

Is-Sur Vassallo accetta l-inkarigu u ghalhekk is-Sinjura Agius għalhekk iddikjarat lis-Sur Vassallo bħala s-Sindku tal-Kunsill il-ġdid.

Huwa iffirma d-dikjarazzjoni ta' l-aċċettazzjoni quddiem Dr. Roberta Fenech-Gauci li ffirmat ukoll din id-dikjarazzjoni u taghtu il-gurament bhala Sindku.

*Is-Sur Vassallo ħa postu u kompla jippresiedi s-Seduta.*

## 3. Ħatra ta' Viċi Sindku

Is-Sur Vassallo staqsa lill-Kunsillier Joe M. Abdilla jekk jaċċettax l-inkarigu bħala Viċi Sindku peress li kien il-kandidat fost il-grupp tiegħu fl-aħħar elezzjoni li ġab it-tieni l-akbar għadd ta' voti.

Is-Sur Abdilla accetta din il-kariga u ghalhekk is-Sindku iddikjara lis-Sur Abdilla bħala l-Viċi Sindku tal-Kunsill.

Huwa iffirma d-dikjarazzjoni ta' l-aċċettazzjoni quddiem Dr. Roberta Fenech-Gauci li ffirmat ukoll din id-dikjarazzjoni u taghtu il-gurament bhala Vici-Sindku.

**4. <u>Aġġornament</u>**

Is-Sindku, fit-5.40 p.m. aġġorna s-Seduta għat-Tnejn, 6 ta' Lulju 2009, fis-6.00 p.m.

| | |
|---|---|
| **Emanuel Vassallo** | **Therese Xuereb** |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

**<u>Ikkonfermati :- It-Tnejn, 6 ta' Lulju 2009</u>**